# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 267

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

6 ta' Settembru 2014


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*


FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni** ..... 1

REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 953/2014 tal-5 ta' Settembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 2

DEĊIŻJONIJIET

2014/642/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP NESTOR/1/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)** ..... 4

2014/643/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/3/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)** ..... 5

2014/644/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUAM Ukraine/1/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine)** ..... 6


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2014/645/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP NESTOR/2/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' Stati terzi għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)** .......................... 7

2014/646/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUFOR RCA/5/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet tal-Istati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA)** .................................................... 8

LINJI GWIDA

2014/647/UE:

★ **Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Ġunju 2014 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2013/23 dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern *(BĊE/2014/21)*** ...................................... 9

---

**Rettifika**

★ **Rettifka għar-Regolament (UE) Nru 469/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2157/1999 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) *(BĊE/2014/18)*** (ĠU L 141, 14.5.2014) ................................... 27

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2014, peress li l-proċedura prevista fl-Artikolu 24(2) tal-Ftehim intemmet fis-7 ta' Awwissu 2014.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 953/2014

### tal-5 ta' Settembru 2014

### li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 KG)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 59,1 |
| | ZZ | 59,1 |
| 0707 00 05 | TR | 124,2 |
| | ZZ | 124,2 |
| 0709 93 10 | TR | 123,8 |
| | ZZ | 123,8 |
| 0805 50 10 | AR | 173,1 |
| | BR | 100,4 |
| | CL | 209,3 |
| | IL | 182,0 |
| | TR | 227,6 |
| | UY | 152,4 |
| | ZA | 161,3 |
| | ZZ | 172,3 |
| 0806 10 10 | BR | 163,5 |
| | TR | 120,4 |
| | ZZ | 142,0 |
| 0808 10 80 | BR | 63,0 |
| | CL | 100,4 |
| | CN | 120,7 |
| | NZ | 122,1 |
| | US | 129,1 |
| | ZA | 130,0 |
| | ZZ | 110,9 |
| 0808 30 90 | CN | 92,5 |
| | TR | 123,8 |
| | XS | 48,0 |
| | ZA | 100,9 |
| | ZZ | 91,3 |
| 0809 30 | TR | 135,5 |
| | ZZ | 135,5 |
| 0809 40 05 | BA | 34,7 |
| | MK | 41,9 |
| | ZZ | 38,3 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP NESTOR/1/2014

**tal-24 ta' Lulju 2014**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)**

(2014/642/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR), inkluża d-deċiżjoni biex jaħtar Kap tal-Missjoni fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

(2) Fit-23 ta' Lulju 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP NESTOR/3/2013 [2], li taħtar lis-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP NESTOR mis-16 ta' Lulju 2013 sal-15 ta' Lulju 2014.

(3) Fit-3 ta' Ġunju 2014, ir-RGħ ippropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP NESTOR sal-15 ta' Lulju 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) huwa b'dan estiż sal-15 ta' Lulju 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mis-16 ta' Lulju 2014.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

[1] ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.

[2] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP NESTOR/3/2013 tat-23 ta' Lulju 2013 rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 202, 27.7.2013, p. 23).

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP SAHEL NIGER/3/2014**

**tal-24 ta' Lulju 2014**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)**

(2014/643/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP SAHEL Niger) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, skont l-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-missjoni EUCAP Sahel Niger, inkluża, b'mod partikolari, id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-6 ta' Mejju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/2/2014 [2] biex ħatar lis-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mis-6 ta' Mejju 2014 sal-15 ta' Lulju 2014.

(3) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/482/PESK [3], li testendi l-mandat tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Mejju 2014 sal-15 ta' Lulju 2016.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Mejju 2014 sal-15 ta' Lulju 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) huwa b'dan estiż sal-15 ta' Lulju 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mis-16 ta' Lulju 2014.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

[1] ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48.

[2] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP SAHEL Niger/2/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 136, 9.5.2014, p. 26).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/482/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 31)

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUAM Ukraine/1/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine)

(2014/644/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-23 ta' Lulju 2014, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppproponiet il-ħatra tas-Sur Kalman MIZSEI bħala Kap tal-Missjoni EUAM Ukraine għal perijodu ta' sena mill-1 ta' Awwissu 2014 sal-31 ta' Lulju 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Kalman MIZSEI huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) għal perijodu ta' sena mill-1 ta' Awwissu 2014 sal-31 ta' Lulju 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

([1]) ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP NESTOR/2/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' Stati terzi għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)

(2014/645/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet proposti minn Stati terzi.

(2) Wara r-rakkomandazzjoni dwar kontribuzzjoni mill-Awstralja mill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili, il-kontribuzzjoni mill-Awstralja għandha tiġi aċċettata.

(3) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kontribuzzjoni mill-Awstralja għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) hija aċċettata u hija kkunsidrata bħala sinifikanti.

2. L-Awstralja hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUCAP NESTOR.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

[1] ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUFOR RCA/5/2014

## tal-24 ta' Lulju 2014

## dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet tal-Istati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA)

(2014/646/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/73/PESK tal-10 ta' Frar 2014 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2014/73/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet proposti minn Stati terzi.

(2) Wara r-rakkomandazzjoni dwar kontribuzzjoni mis-Serbja mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UEFOR RCA u l-parir mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, il-kontribuzzjoni mis-Serbja għandha tiġi aċċettata.

(3) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kontribuzzjoni mis-Serbja għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA) hija aċċettata u hija kkunsidrata bħala sinifikanti.

2. Is-Serbja hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUFOR RCA.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

([1]) ĠU L 40, 11.2.2014, p. 59.

# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-3 ta' Ġunju 2014**

**li temenda l-Linja Gwida BĊE/2013/23 dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern**

***(BĊE/2014/21)***

(2014/647/UE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 u 5.2, u l-Artikolu 12.1 u 14.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ([2]),

Billi:

Il-Linja Gwida BĊE/2013/23 ([3]) tenħtieġ li tiġi emendata sabiex tirrifletti l-emenda, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2014 ([4]), tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 fir-rigward tar-referenzi għas-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emenda**

L-Annessi I u II għal-Linja Gwida BĊE/2013/23 huma sostitwiti skont l-Anness għal din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2*

**Bidu tal-applikabilità**

1. Din il-Linja Gwida għandha ssir applikabbli fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Settembru 2014.

([1]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1
([3]) Linja Gwida BĊE/2013/23 tal-25 ta' Lulju 2013 dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern (ĠU L 2, 7.1.2014, p.12)
([4]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2014 tas-7 ta' Marzu 204 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 fir-rigward tar-referenzi għas-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 69, 8.3.2014, p.101).

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-3 ta' Ġunju 2014.

*Għall-Bord Eżekuttiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

1. L-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2013/23 huwa sostitwit minn dan li ġej:

*"ANNESS I*

**OBBLIGI TAR-RAPPORTAR TAD-DEJTA**

**Statistika tad-dħul, tan-nefqa u tad-defiċit/bilanċ favorevoli**

*Tabella 1A*

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Defiċit (–) jew bilanċ favorevoli (+) | 1 = 7 – 22<br>1 = 3 + 4 + 5 + 6 |
| *li minnu:* defiċit primarju (–) jew bilanċ favorevoli (+) | 2 = 1 + 28 |
| Gvern ċentrali | 3 |
| Gvern statali | 4 |
| Gvern lokali | 5 |
| Fondi tas-sigurta' soċjali | 6 |
| Dħul totali | 7 = 8 + 20 |
| Dħul kurrenti totali | 8 = 9 + 12 + 14 + 17 + 19 |
| Taxxi diretti | 9 |
| *li minnhom*: pagabbli minn korporazzjonijiet | 10 |
| *li minnhom*: pagabbli minn unitajiet domestiċi | 11 |
| Taxxi indiretti | 12 |
| *li minnhom:* taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) | 13 |
| Kontribuzzjonijiet soċjali netti | 14 |
| *li minnhom:* kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem | 15 |
| *li minnhom:* kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-*unitajiet domestiċi* | 16 |
| Dħul kurrenti ieħor | 17 |
| *li minnu:* imgħax riċevibbli | 18 |
| Bejgħ | 19 |
| Dħul kapitali totali | 20 |
| *li minnu:* taxxi kapitali | 21 |
| Nefqa totali | 22 = 23 + 32 |
| Nefqa kurrenti totali | 23 = 24 + 28 + 29 + 31 |
| Trasferimenti kurrenti | 24 = 25 + 26 + 27 |
| Ħlasijiet soċjali | 25 |
| Sussidji pagabbli | 26 |

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Nefqa kurrenti oħra | 27 |
| Imgħax pagabbli | 28 |
| Kumpens tal-impjegati | 29 |
| *li minnu:* pagi u salarji | 30 |
| Konsum intermedju | 31 |
| Nefqa kapitali totali | 32 = 33 + 34 + 35 |
| Investiment | 33 |
| Akkwisti oħra nett ta' attiv mhux finanzjarju u tibdiliet fl-inventarji | 34 |
| Trasferimenti kapitali pagabbli | 35 |
| *Partiti tal-Memorandum:* | |
| Tfaddil gross | 36 = 8 – 23 |
| Rikavat minn bejgħ ta' sistemi ta' telekommunikazzjonijiet mobbli universali | 37 |
| Kontribuzzjonijiet soċjali attwali | 38 = 15 + 16 |
| Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux fi flus | 39 |

*Tabella 1B*

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Dħul tal-baġit tal-Unjoni Ewropea (UE) mill-Istat Membru | 1 = 2 + 3 + 4 + 7 |
| Taxxi indiretti | 2 |
| Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti | 3 |
| Trasferimenti kurrenti mixxellanji u riorsi proprji tal-UE | 4 |
| *li minnhom:* it-tielet riżors proprju bbażat fuq il-VAT | 5 |
| *li minnhom:* ir-raba' riżors proprju bbażat fuq l-introjtu nazzjonali gross | 6 |
| Trasferimenti ta' kapital | 7 |
| Nefqa tal-baġit tal-UE fl-Istat Membru | 8 = 9 + 10 + 11 + 12 + 13 |
| Sussidji | 9 |
| Trasferimenti kurrenti lill-gvern | 10 |
| Trasferimenti kurrenti lil-unitajiet mhux governattivi | 11 |
| Trasferimenti ta' kapital lill-gvern | 12 |
| Trasferimenti ta' kapital lill-unitajiet mhux governattivi | 13 |
| Bilanċ tal-Istat Membru fil-konfront tal-baġit tal-UE (riċevitur nett +, pagatur nett -) | 14 = 8 – 1 |
| *Partita tal-Memorandum:* | |
| Spejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji | 15 |

*Tabella 1C*

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Nefqa finali għal konsum | 1 = 2 + 3<br>1 = 1A.29 + 1A.31 + 4 + 5 + 6 + 7 – 1A.19 |
| Nefqa għal konsum individwali | 2 |
| Nefqa għal konsum kollettiv | 3 |
| Trasferimenti soċjali mhux fi flus — produzzjoni tas-suq mixtrija | 4 |
| Konsum tal-kapital fiss | 5 |
| Taxxi fuq produzzjoni mħallsa bit-tnaqqis tas-sussidji riċevuti | 6 |
| Bilanċ favorevoli tal-operat nett | 7 |
| *Partiti tal-Memorandum:* | |
| Nefqa finali għal konsum bil-prezzijiet tas-sena preċedenti | 8 |
| Investiment tal-Gvern bi prezzijiet tas-sena ta' qabel | 9 |
| Prodott domestiku gross GDP) bil-prezzijiet kurrenti | 10 |
| GDP bil-prezzijiet tas-sena preċedenti | 11 |

**Statistika dwar l-aġġustament tad-defiċit-dejn**

*Tabella 2A*

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji | 1 = [1A.1] – 2 |
| Tranżazzjonijiet finanzjarji nett (konsolidati) | 2 = 3 – 15 |
| Attiv finanzjarju (konsolidat) | 3 = 4 + 5 + 6 + 7 + 11 + 12 + 13 |
| Munita u depożiti | 4 |
| Titoli ta' dejn | 5 |
| Self | 6 |
| Ishma jew unitajiet ta' ekwità u fondi tal-investiment | 7 |
| Privatizzazzjonijiet (nett) | 8 |
| Injezzjonijiet ta' ekwità (nett) | 9 |
| Oħra | 10 |
| Skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal- pensjoni u standardizzati | 11 |
| Derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati | 12 |

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Attiv finanzjarju ieħor | 13 |
| *li minnu:* taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali akkumulati imma mhux imħallsa | 14 |
| Passiv (konsolidat) | 15 = 16 + 17 + 18 + 19 + 21 + 22 + 23 |
| Munita u depożiti | 16 |
| Titoli ta' dejn fuq żmien qasir | 17 |
| Titoli ta' dejn fuq żmien twil | 18 |
| Self | 19 |
| *li minnu:* self mill-bank ċentrali | 20 |
| Skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal- pensjoni u standardizzati | 21 |
| Derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati | 22 |
| Passiv ieħor | 23 |
| Ħtieġa ta' self tal-gvern ġenerali | 24 = 16 + 17 + 18 + 19<br>24 = 26 + 27 + 28<br>24 = 1 – [1A.1] + 3 – 21 – 22 – 23 |
| *li minnu:* fuq żmien twil | 25 |
| Denominat f'munita nazzjonali | 26 |
| Denominat f'muniti ta' Stati Membri taż-żona tal-euro | 27 |
| Denominat f'muniti oħra | 28 |
| Flussi oħra | 29 = 30 + 33 |
| Effetti ta' rivalutazzjoni fuq id-dejn | 30 = 31 + 32 |
| Qligħ u telf f'*investiment f*'kambju barrani | 31 |
| Effetti oħra ta' rivalutazzjoni — *valur nominali* | 32 = 34 – 24 – 31 – 33 |
| Bidliet oħra fil-volum tad-dejn | 33 |
| Bidla fid-dejn tal-gvern | 34 = 24 + 29<br>34 = 1 – [1A.1] + 3 – 21 – 22 – 23 + 29<br>34 = $[3A.1]_{[t]} - [3A.1]_{[t-1]}$ |

*Tabella 2B*

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Tranżazzjonijiet fi strumenti tad-dejn tal-gvern (mhux konsolidati) | 1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6 |
| Munita u depożiti | 2 |
| Titoli ta' dejn fuq żmien qasir | 3 |
| Titoli ta' dejn fuq żmien twil | 4 |
| Self mill-bank ċentrali | 5 |

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Self ieħor | 6 |
| Tranżazzjonijiet li jikkonsolidaw | 7 = 8 + 9 + 10 + 11 |
| Munita u depożiti | 8 = 2 – [2A.16] |
| Titoli ta' dejn fuq żmien qasir | 9 = 3 – [2A.17] |
| Titoli ta' dejn fuq żmien twil | 10 = 4 – [2A.18] |
| Self | 11 = 6 – ([2A.19] – [2A.20]) |

**Statistika tad-dejn tal-Gvern**

*Tabella 3A*

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Dejn tal-Gvern (konsolidat) | 1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6<br>1 = 7 + 12<br>1 = 13 + 14 + 15<br>1 = 16 + 17<br>1 = 19 + 20 + 22 |
| Munita u depożiti | 2 |
| Titoli ta' dejn fuq żmien qasir | 3 |
| Titoli ta' dejn fuq żmien twil | 4 |
| Self mill-bank ċentrali | 5 |
| Self ieħor | 6 |
| Miżmum minn residenti tal-Istat Membru | 7 = 8 + 9 + 10 + 11 |
| Bank ċentrali | 8 |
| Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra | 9 |
| Istituzzjonijiet finanzjarji oħra | 10 |
| Residenti oħra | 11 |
| Miżmum minn dawk li mhumiex residenti tal-Istat Membru | 12 |
| Denominat f'munita nazzjonali | 13 |
| Denominat f'muniti ta' Stati Membri taż-żona tal-euro | 14 |
| Denominat f'muniti oħra | 15 |
| Dejn fuq żmien qasir | 16 |
| Dejn fuq żmien twil | 17 |
| *li tiegħu:* rata tal-imgħax varjabbli | 18 |
| Maturita' residwa sa sena | 19 |

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Maturita' residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin | 20 |
| *li tagħha:* rata ta' imgħax varjabbli | 21 |
| Maturita' residwa ta' aktar minn ħames snin | 22 |
| *li tagħha:* rata ta' imgħax varjabbli | 23 |
| *Partiti tal-Memorandum:* | |
| Maturita' residwa medja ta' dejn | 24 |
| Dejn tal-Gvern — bonds bla imgħax | 25 |

*Tabella 3B*

| Kategorija | Numru u relazzjoni lineari |
|---|---|
| Dejn tal-Gvern (mhux konsolidat bejn is-subsetturi) | 1 = 7 + 9 + 11 + 13 |
| Elementi konsolidattivi | 2 = 3 + 4 + 5 + 6<br>2 = 8 + 10 + 12 + 14<br>2 = 15 + 16 + 17 + 18 |
| Munita u depożiti | 3 |
| Titoli fuq żmien qasir | 4 |
| Titoli fuq żmien twil | 5 |
| Self | 6 |
| Maħruġ mill-gvern ċentrali (konsolidat) | 7 |
| *li minnu:* miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern | 8 |
| Maħruġ mill-gvern statali (konsolidat) | 9 |
| *li minnu:* miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern | 10 |
| Maħruġ mill-gvern lokali (konsolidat) | 11 |
| *li minnu:* miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern | 12 |
| Maħruġ minn fondi tas-sigurta' soċjali (konsolidat) | 13 |
| *li minnu:* miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern | 14 |
| *Partiti tal-memorandum:* | |
| Parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' gvern ċentrali f'dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern | 15 |
| *Parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' gvern statali f'dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern | 16 |
| *Parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' gvern lokali f'dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern | 17 |
| *Parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' fondi tas-sigurta' soċjali ta' dejn maħruġ minn subsetturi oħra tal-gvern | 18" |

2. L-Anness II tal-Linja Gwida BĊE/2013/23 huwa sostitwit minn dan li ġej:

*"ANNESS II*

**DEFINIZZJONIJIET METODOLOĠIĊI**

1. **Definizzjonijiet ta' setturi u subsetturi**

*Setturi u subsetturi fl-ESA 2010*

| | |
|---|---|
| Ekonomija totali | S.1 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S.11 |
| Korporazzjonijiet finanzjarji | S.12 |
| Bank ċentrali | S.121 |
| Korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti, ħlief għall-bank ċentrali | S.122 |
| Fondi tas-suq tal-flus | S.123 |
| Fondi tal-investiment mhux MMF | S.124 |
| Intermedjarji finanzjarji oħra, ħlief korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S.125 |
| Awżiljarji finanzjarji | S.126 |
| Istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus | S.127 |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni | S.128 |
| Fondi tal-pensjoni | S.129 |
| Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji | S.121 + S.122 + S.123 |
| Gvern ġenerali | S.13 |
| Gvern ċentrali (eskluża s-sigurtà soċjali) | S.1311 |
| Gvern statali (eskluża s-sigurtà soċjali) | S.1312 |
| Gvern lokali (eskluża s-sigurtà soċjali) | S.1313 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S.1314 |
| Unitajiet domestiċi | S.14 |
| Istituzzjonijiet li joperaw bla qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi | S.15 |
| Il-bqija tad-dinja | S.2 |
| Stati Membri u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea (UE) | S.21 |
| Stati Membri tal-UE | S.211 |

| | |
|---|---|
| Istituzzjonijiet u korpi tal-UE | S.212 |
| Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) | S.2121 |
| Istituzzjonijiet u korpi Ewropej, ħlief il-BĊE | S.2122 |
| Pajjiżi mhux membri u organizzazzjonijiet internazzjonali mhux residenti fl-UE | S.22 |

2. **Definizzjonijiet tal-kategoriji** ([1]) ([2])

*Tabella 1A*

1. Id-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1A.1] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.13, huwa ugwali għad-dħul totali [1A.7] bin-nefqa totali mnaqqsa [1A.22], u huma l-istess bħad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern ċentrali [1A.3], flimkien mad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern statali [1A.4], flimkien mad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern lokali [1A.5], flimkien mad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-fondi tas-sigurtà soċjali [1A.6].

2. Id-defiċit primarju (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1A.2] huwa ugwali għad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1A.1], flimkien mal-imgħax pagabbli [1A.28].

3. Id-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern ċentrali [1A.3] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1311.

4. Id-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern statali [1A.4] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1312.

5. Id-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) tal-gvern lokali [1A.5] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1313.

6. Id-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) ta' fondi tas-sigurtà soċjali [1A.6] huwa ugwali għas-self nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1314.

7. Id-dħul totali [1A.7] huwa ugwali għad-dħul kurrenti totali [1A.8], flimkien mad-dħul kapitali totali [1A.20].

8. Id-dħul kapitali totali [1A.8] huwa ugwali għat-taxxi diretti [1A.9], flimkien mat-taxxi indiretti [1A.12], flimkien ma' kontribuzzjonijiet soċjali netti [1A.14], flimkien ma' dħul kurrenti ieħor [1A.17], flimkien ma' bejgħ [1A.19].

9. It-taxxi diretti [1A.9] huma ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5) irreġistrati fost ir-riżorsi ta' S.13.

10. It-taxxi diretti li parti minnhom hija pagabbli minn korporazzjonijiet [1A.10] huma ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13 u l-użi ta' S.11 u S.12.

11. It-taxxi diretti li parti minnhom hija pagabbli minn *unitajiet domestiċi* [1A.11] huma l-istess bħahuwa ugwali t-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13 u użi ta' S.14.

12. It-taxxi indiretti [1A.12] huma ugwali għat-taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjonijiet (D.2) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

13. It-taxxi indiretti li tagħhom it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) [1A.13] huma ugwali għat-tip ta' taxxi fuq il-valur miżjud (D.211) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

14. Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti [1A.14] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali (D.61) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

15. Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti li minnhom il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem [1A.15] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem (D.611) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

16. Il-kontribuzzjonijiet soċjali netti li minnhom il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-*unitajiet domestiċi* [1A.16] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-*unitajiet domestiċi* (D.613) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13.

17. Id-dħul kurrenti ieħor [1A.17] huwa ugwali għad-dħul mill-propjeta' (D.4), flimkien ma' trasferimenti kurrenti oħra (D.7) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13, ħlief S.13 riżorsi ta' imgħax (D.41) li huma wkoll użui ta' S.13, flimkien ma' riċevuti ta' sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) li huma użi ta' S.13.

---
([1]) [x.y] jirreferu għan-numru tal-kategorija y tat-Tabella x.
([2]) It-terminu 'kategoriji' jirreferi għas-settur tal-gvern ġenerali sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

18. Id-dħul kurrenti ieħor li parti minnu l-imgħax li huwa riċevibbli [1A.18] huwa ugwali għall-imgħax (D.41) irreġistrat fost ir-riżorsi ta' S.13 u użi tas-setturi kollha ħlief S.13.

19. Il-bejgħ [1A.19] huwa ugwali għall-*output* tas-suq (P.11), flimkien ma' *output* għall-użu finali (P.12), flimkien ma' pagamenti għal *output* ieħor mhux tas-suq (P.131) irreġistrat fost ir-riżorsi ta' S.13.

20. Id-dħul kapitali totali [1A.20] huwa l-istess bħat-trasferimenti kapitali riċevibbli (D.9) irrekordjati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13, u rreġistrat bħala trasferiment kapitali pagabbli mis-setturi kollha ħlief S.13.

21. Id-dħul kapitali totali li minnu t-taxxi kapitali [1A.21] huma ugwali għat-taxxi kapitali (D.91) irreġistrat fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

22. In-nefqa totali [1A.22] hija ugwali għan-nefqa totali kurrenti [1A.23], flimkien man-nefqa kapitali totali [1A.32].

23. In-nefqa totali kurrenti [1A.23] hija ugwali għat-trasferimenti kurrenti [1A.24], flimkien ma' imgħax pagabbli [1A.28], flimkien ma' kumpens lill-impjegati [1A.29], flimkien ma' konsum intermedju [1A.31].

24. It-trasferimenti kurrenti [1A.24] huma ugwali għall-pagamenti soċjali [1A.25], flimkien ma' sussidji pagabbli [1A.26], flimkien man-nefqa kurrenti oħra.

25. Il-pagamenti soċjali [1A.25] huma ugwali għall-benefiċċji soċjali minbarra t-trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62), flimkien ma' trasferimenti soċjali mhux fi flus relatati mal-produzzjoni tas-suq mixtrija mill-gvern ġenerali (D.632) irreġistrati fost l-utenti ta' S.13, flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost l-użi ta' S.13 u r-riżorsi ta' S.15.

26. Is-sussidji pagabbli [1A.26] huma ugwali għat-tnaqqis tas-sussidji (– D.3) irreġistrat fost ir-riżorsi ta' S.13.

27. In-nefqa kurrenti oħra [1A.27] huma ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, etċ. (D.5), flimkien ma' taxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29), flimkien mad-dħul fuq il-proprjetà (D.4) eskluż l-imgħax (D.41), flimkien ma' trasferimenti oħra kurrenti (D.7) irreġistrati fost l-użi ta' S.13 esklużi trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost l-użi ta' S.13 u riżorsi ta' S.15, flimkien mal-aġġustament għat-tibdil fid-drittijiet għal pensjoni (D8) irreġistrat fost l-użi ta' S.13.

28. L-imgħax pagabbli [1A.28] huwa ugwali għall-imgħax (D.41) irreġistrat fost l-użi ta' S.13 u r-riżorsi tas-setturi kollha ħlief S.13.

29. Il-kumpens tal-impjegati [1A.29] huwa ugwali għall-kumpens tal-impjegati (D.1) irreġistrat fost l-użi ta' S.13.

30. Il-kumpens tal-impjegati li minnhom il-pagi u s-salarji [1A.30] huwa ugwali għall-pagi u s-salarji (D.11) irreġistrati fost l-użi ta' S.13.

31. Il-konsum intermedju [1A.31] huwa ugwali għall-konsum intermedju (P.2) irreġistrat fost l-użi ta' S.13.

32. In-nefqa kapitali totali [1A.32] hija ugwali għall-investiment [1A.33], flimkien ma' akkwisti oħra nett ta' attiv mhux finanzjarju [1A.34], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital pagabbli [1A.35].

33. L-investiment [1A.33] huwa ugwali għall-formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51g) irreġistrat fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13.

34. Akkwisti oħra nett ta' attiv mhux finanzjarju u tibdiliet fl-inventarji [1A.34] huma ugwali għat-tibdiliet fl-inventarji (P.52), flimkien ma' akkwisti bit-trasferiment ta' oġġetti ta' valur (P.53) imnaqqas, flimkien ma' akkwisti bit-trasferiment imnaqqas ta' attiv mhux finanzjarju u mhux prodott (NP) irreġistrat fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13.

35. Trasferimenti ta' kapital pagabbli [1A.35] huma ugwali għat-trasferimenti ta' kapital (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13, u rreġistrati bħala trasferimenti kapital riċevibbli mis-setturi kollha ħlief S.13.

36. Tfaddil gross [1A.36] huwa l-istess bħad-dħul kurrenti totali [1A.8], bin-nefqa kurrenti totali mnaqqsa [1A.23].

37. Ir-rikavat minn bejgħ ta' sistemi ta' telekomunikazzjonijiet universali mobbli [1A.37] huwa ugwali għar-rikavat mill-bejgħ ta' liċenzji ta' servizz ta' telefon ċellulari tat-tielet ġenerazzjoni, irreġistrat bħala trasferiment ta' attiv mhux finanzjarju skont id-deċiżjoni tal-Eurostat dwar l-allokazzjoni ta' liċenzji ta' telefon ċellulari.

38. Kontribuzzjonijiet soċjali attwali [1A.38] huma ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem (D.611) [1A.15], flimkien ma' kontribuzzjonijiet soċjali attwali tal-unitajiet domestiċi (D.613) [1A.16] irreġistrati fost ir-riżorsi ta' S.13.

39. Benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux fi flus [1A.39] huma ugwali għall-benefiċċji soċjali minbarra trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62) irreġistrati fost l-użi ta' S.13.

*Tabella 1B*

1. Id-dħul tal-baġit tal-Unjoni Ewropea (UE) mill-Istat Membru[1B.1] huwa ugwali għat-taxxi indiretti riċevibbli mill-baġit tal-UE [1B.2], flimkien ma' kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) pagabbli mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.4], flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) pagabbli mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.5], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital (D.9) pagabbli mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.7].

2. It-taxxi indiretti [1B.2] huma ugwali għat-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2) irreġistrati fost riżorsi ta' S.2122.

3. Il-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti [1B.3] hija ugwali għall-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) irreġistrata fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

4. It-trasferimenti kurrenti mixxellanji u riżorsi proprji tal-UE[1B.4] huma ugwali għat-trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u riżorsi proprji fl-UE ibbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (GNI) il-GNI irreġistrati fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

5. It-trasferimenti kurrenti mixxellanji li minnhom ir-riżors ibbażat skont il-VAT [1B.5] huma ugwali għat-tielet riżors proprju (D.761) ibbażat fuq il-VAT irreġistrat fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

6. It-trasferimenti kurrenti mixxellanji li minnhom ir-raba' riżors proprju ibbażat fuq il-GNI [1B.6] huma ugwali għar-raba' riżors proprju bbażat fuq il-GNI (D.762) irreġistrat fost riżorsi ta' S.2122 u użi ta' S.13.

7. It-trasferimenti ta' kapital [1B.7] huma ugwali għat-trasferimenti kapitali pagabbli (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u rreġistrati bħala trasferiment ta' kapital riċevibbli minn S.2122.

8. In-nefqa tal-Istat Membru tal-baġit tal-UE fl-Istat Membru [1B.8] hija ugwali għas-sussidji pagabbli (D.3) mill-baġit tal-UE [1B.9], flimkien ma' trasferimenti kurrenti oħra (D.7) pagabbli mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.10], flimkien ma' trasferimenti kurrenti oħra (D.7) pagabbli mill-baġit tal-UE lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.11], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital (D.9) pagabbli mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.12], flimkien ma' trasferimenti ta' kapital (D.9) ) pagabbli mill-baġit tal-UE lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.13].

9. Is-sussidji [1B.9] huma ugwali għas-sussidji (D.3) irreġistrati fost l-użi ta' S.2122.

10. It-trasferimenti kurrenti lill-gvern [1B.10] huma ugwali għall-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74), flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost riżorsi ta' S.13 u użi ta' S.2122.

11. It-trasferimenti kurrenti lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.11] huma ugwali għat-trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irrekordjati fost użi ta' S.2122 u r-riżorsi tas-setturi kollha ħlief S.13.

12. It-trasferimenti ta' kapital lill-gvern [1B.12] huma ugwali għat-trasferimenti ta' kapital riċevibbli (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u fost tibdiliet fl-attiv ta' S.2122.

13. It-trasferimenti ta' kapital lil unitajiet li mhumiex tal-gvern [1B.13] huma ugwali għat-trasferimenti ta' kapital pagabbli (D.9) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.2122 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

14. Il-bilanċ tal-Istat Membru fil-konfront tal-baġit tal-UE (riċevitur nett +, pagatur nett –) [1B.14] huwa ugwali għan-nefqa tal- baġit tal-UE fl-Istat Membru [1B.8], bit-tnaqqis tad-dħul tal-baġit tal-UE mill-Istat Membru [1B.1].

15. L-ispejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji [1B.15] hija dik il-parti tal-*output* mhux tas-suq (P.13) irreġistrata fost riżorsi ta' S.13, jiġifieri, l-ispejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprju li jitħallsu mill-baġit tal-UE.

*Tabella 1C*

1. In-nefqa tal-konsum finali [1C.1] hija ugwali għan-nefqa tal-konsum individwali (P.3) rreġistrata fost l-użu ta' S.13.

2. In-nefqa tal-konsum individwali [1C.2] hija ugwalibħan-nefqa tal-konsum individwali (P.31) rrekordjata fost l-użu ta' S.13.

3. In-nefqa tal-konsum kollettiv [1C.3] hija ugwali bħan-nefqa tal-konsum kollettiv (P.32) irrekordjata fost l-użu ta' S.13.

4. It-trasferimenti soċjali mhux fi flus — produzzjoni tas-suq mixtrija [1C.4] huma ugwali bħat-trasferimenti soċjali mhux fi flus — produzzjoni tas-suq mixtrija (D.632) rrekordjata fost l-użu ta' S.13.

5. Il-konsum ta' kapital fiss [1C.5] huwa ugwali bħall-konsum ta' kapital fiss (P.51c) irrekordjat fost it-tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

6. It-taxxi mħallsin fuq produzzjoni mnaqqsin b'sussidji riċevuti [1C.6] huma ugwali bħall-pagamenti ta' taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29) irrekordjati fost l-użu ta' S.13, imnaqqsin bir-riċevuta ta' sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) irrekordjati fost l-użu ta' S.13.

7. Il-bilanċ a favur operattiv nett [1C.7] huwa ugwali bħall-bilanċ favorevoli operattiv, nett (B.2n) ta' S.13.

8. In-nefqa tal-konsum finali bi prezzijiet tas-sena preċedenti [1C.8] hija ugwali għall-volum *chain-linked* tan-nefqa tal-konsum finali (P.3), irreġistrat fost l-utenti ta' S.13, bi prezzijiet tas-sena preċedenti.

9. L-investiment tal-gvern bi prezzijiet tas-sena preċedenti [1C.9] huwa ugwali għall-volum *chain-linked* tal-formazzjoni tal-kapital fiss gross (P.51g), irreġistrat fost tibdiliet f'attiv ta' S.13, skont prezzijiet tas-sena preċedenti.

10. Il-prodott domestiku gross (GDP) bi prezzijiet kurrenti [1C.10] huwa ugwali għall-GDP (B.1*g) bi prezzijiet tas-suq.

11. Il-GDP bi prezzijiet tas-sena preċedenti [1C.11] huwa l-istess bħall-volum *chain-linked* tal-GDP (B1*g) bi prezzijiet tas-sena preċedenti.

*Tabella 2A*

1. L-aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u dawk mhux finanzjarji [2A.1] huwa ugwali għad-defiċit (–) jew il-bilanċ favorevoli (+) [1A.1], bit-tnaqqis tat-tranżazzjonijiet nett fl-attiv u l-passiv finanzjarju [2A.2].

2. It-tranżazzjonijiet nett fl-attiv u l-passiv finanzjarju (konsolidat) [2A.2] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet fl-akkwist nett ta' attiv finanzjarju [2A.3], bit-tnaqqis tal-inkurżjoni netta ta' tranżazzjonijiet fil-passiv [2A.15].

3. It-tranżazzjonijiet fl-attiv finanzjarju (konsolidat) [2A.3] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet konsolidati f'munita u depożiti (F.2) [2A.4], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn (F.3) [2A.5], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self (F.4) [2A.6], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investiment (F.5) [2A.7], flimkien ma' tranżazzjonijiet fl-assigurazzjoni, il-pensjoni u skemi standardizzati ta' garanzija (F.6) [2A.11], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7) [2A.12], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'attiv finanzjarju ieħor [2A.13], irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

4. It-tranżazzjonijiet f'munita u depożiti [2A.4] huma ugwali għall-akkwist nett ta' munita u depożiti (F.2) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

5. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn [2A.5] huma ugwali għall-akkwist nett ta' titoli ta' dejn (F.3), irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

6. It-tranżazzjonijiet f'self [2A.6] huma ugwali għal self ġdid (F.4) avvanzat mill-gvern, imnaqqas mill-pagamenti lura netti lill-gvern, irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

7. It-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investment [2A.7] huma ugwali għall-akkwist nett ta' ishma jew unitajiet ekwità u fondi ta' investment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

8. Il-privatizzazzjonijiet (netti) [2A.8] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.11 jew S.12 li jitwettqu fil-proċess tar-rilaxx jew tal-akkwist tal-kontroll (KSE 2010 paragrafi 2.36 sa 2.39) tal-unita' tad-debitur permezz ta' S.13; dawn it-tranżazzjonijiet jistgħu jitwettqu permezz ta' S.13 direttament mal-unita' tad-debitur, jew ma' unita' oħra ta' kreditur.

9. L-injezzjonijiet ta' ekwità (nett) [2A.9] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.11 jew S.12 li ma jitwettqux fil-proċess tar-rilaxx jew tal-akkwist tal-kontroll tal-unita' tad-debitur permezz ta' S.13 u li jitwettqu permezz ta' S.13 direttament mal-unita' tad-debitur.

10. Oħrajn [2A.10] hija ugwali għat-tranżazzjonijiet f'ishma jew unitajiet f'ekwità u fondi ta' investiment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13 li ma jitwettqux fil-proċess tar-rilaxx jew tal-akkwist tal-kuntroll tal-unita' tad-debitur permezz ta' S.13 u ma jitwettqux permezz ta' S.13 direttament mal-unita' tad-debitur, imma ma' unita' ta' kreditur ieħor.

11. It-tranżazzjonijiet fl-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati [2A.11] huma ugwali għall-akkwist nett ta' skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati (F.6), irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

12. It-tranżazzjonijiet f'derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati [2A.12] huma ugwali għall-ħlasijiet netti fir-rigward tad-derivati finanzjarji u l-*options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7), irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

13. It-tranżazzjonijiet f'attiv finanzjarju ieħor [2A.13] huma ugwali għall-akkwist nett ta' deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' ġbid (SDRs) (F.1) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13, flimkien ma' kontijiet oħra riċevibbli (F.8)) irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

14. It-tranżazzjonijiet f'attiv finanzjarju ieħor li parti minnhom huma taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali li jkunu akkumulaw imma li jkunu għadhom ma tħallsux [2A.14] huma ugwali għal dik il-parti ta' kontijiet oħra riċevibbli (F.8 attiv) relatati mat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali rreġistrati f'D.2, D.5, D.61 u D.91, bit-tnaqqis tal-ammonti ta' taxxi attwalment miġbura, irreġistrati fost tibdiliet fl-attiv ta' S.13 u tibdiliet fil-passiv u l-valur nett tas-setturi kollha ħlief S.13.

15. It-tranżazzjonijiet fil-passiv (konsolidat) [2A.15] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet konsolidati f'munita u depożiti (F.2) [2A.16], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir (F.31) [2A.17], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien twil (F.32) [2A.18], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self (F.4) [2A.19], flimkien ma' tranżazzjonijiet fi skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati (F.6) [2A.21], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7) [2A.22], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'passiv ieħor [2A.23], irreġistrati fost tibdiliet u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

16. It-tranżazzjonijiet f'munita u depożiti [2A.16] huma ugwali għall-akkwist nett ta' munita u depożiti (F.2) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

17. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2A.17] huma ugwali għall-inkurżjoni netta ta' titoli ta' dejn fuq żmien qasir (F.31), li l-maturita' oriġinali tagħhom hija ta' sena jew anqas, irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

18. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2A.18] huma ugwali għall-inkurżjoni netta ta' titoli ta' dejn fuq żmien twil (F.32), li l-maturita' oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena, irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

19. It-tranżazzjonijiet f'self [2A.19] huma ugwali għal self ġdid (F.4) missellef, bil-ħlasijiet lura ta' self eżistenti imnaqqas, irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

20. It-tranżazzjonijiet f'self li parti minnhom huma self minn bank ċentrali [2A.20] huma ugwali għat-tranżazzjonijiet f'self (F.4) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv ta' S.121.

21. It-tranżazzjonijiet fi skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati [2A.21] huma ugwali għall-akkwist nett ta' skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni, tal-pensjoni u dawk standardizzati (F.6), irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

22. It-tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati [2A.22] huma ugwali għar-riċevui netti fir-rigward tad-derivati finanzjarji u *options* ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-impjegati (F.7) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha S.13.

23. It-tranżazzjonijiet f'passiv ieħor [2A.23] huma ugwali għall-inkurżjoni netta ta' deheb monetarju u SDRs (F.1) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13, flimkien ma' ishma jew unitajiet ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji u fondi ta' investiment (F.5) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13, flimkien ma' kontijiet oħra pagabbli (F.8) irreġistrati fost il-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi kollha ħlief S.13.

24. L-obbligu ta' self tal-gvern [2A.24] huwa ugwali għall-inkurżjoni nett ta' passiv fil-munita u d-depożiti (F.2) [2A.16], flimkien ma' titoli ta' dejn [2A.17 u 2A.18] (F.3), flimkien ma' self (F.4) [2A.19]. Huwa ugwali ukoll għal tranżazzjonijiet konsolidati fi strumenti tad-dejn tal-gvern.

25. It-tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2A.25] huma ugwali għall-inkurżjoni nett ta' passiv ta' strumenti ta' dejn [2A.24] li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' 'l fuq minn sena.

26. It-tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'munita nazzjonali [2A.26] huma ugwali għall-inkurżjoni nett tal-passiv fi strumenti ta' dejn [2A.24] denominati fil-valuta legali tal-Istat Membru.

27. It-tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'muniti tal-Istati Membru taż-żona euro [2A.27] huma ugwali għall-inkurżjoni nett tal-passiv fi strumenti ta' dejn [2A.24] denominati f'ecus, flimkien ma' strumenti ta' dejn denominati f'euro qabel ma dak l-Istat Membru jadotta l-euro, flimkien ma' strumenti ta' dejn denominati fil-valuta legali ta' Stat Membru taż-żona tal-euro qabel ma dak l-Istat ikun sar Membru taż-żona tal-euro.

28. It-tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'muniti oħra [2A.28] huma ugwali għall-inkurżjoni nett ta' passiv fi strumenti ta' dejn [2A.24] mhux inklużi [2A.26] jew [2A.27].

29. Flussi oħra [2A.29] huma ugwali għall-effetti ta' rivalutazzjoni fuq id-dejn [2A.30], flimkien ma' tibdiliet oħra fil-volum tad-dejn [2A.33].

30. L-effetti ta' rivalutazzjoni fuq id-dejn [2A.30] huma ugwali għall-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' kambju fi flus barranin [2A.31], flimkien ma' effetti oħra ta' rivalutazzjoni — *valur nominali* [2A.32].

31. Il-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' kambju fi flus barranin [2A.31] huma ugwali għall-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* nominali (K.7) ta' dejn [3A.1] li jibdlu l-valur meta skambjati f'munita nazzjonali minħabba bidliet fir-rati tal-kambju tal-munita.

32. Effetti oħra ta' rivalutazzjoni — *valur nominali* [2A.32] huma ugwali għal tibdiliet fid-dejn [2A.34], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet fl-istrumenti tad-dejn (konsolidat) [2A.24], bit-tnaqqis tal-qligħ u t-telf ta' *parteċipazzjonijiet azzjonarji* ta' kambju fi flus barranin [2A.31], bit-tnaqqis ta' tibdiliet oħra fil-volum tad-dejn [2A.33].

33. Tibdiliet oħra fil-volum tad-dejn [2A.33] huma ugwali għal tibdiliet oħra fil-volum (K.1, K.2, K.3, K.4, K.5 u K.6) f'passiv ikklassifikati jew bħala munita u depożiti (AF.2), titoli ta' dejn (AF.3), jew self (AF.4), li mhumiex attiv ta' S.13.

34. Bidla fid-dejn tal-gvern [2A.34] hija ugwali għad-dejn [3A.1] fis-sena t, bit-tnaqqis tad-dejn [3A.1] fis-sena t-1.

*Tabella 2B*

1. Tranżazzjonijiet fi strumenti tad-dejn tal-gvern (mhux konsolidati) [2B.1] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'munita u depożiti [2B.2], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.3], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn għal żmien twil [2B.4], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self mill-bank ċentrali [2B.5], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self ieħor [2B.6].

2. Tranżazzjonijiet f'munita u depożiti [2B.2] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'munita u depożiti (F.2) irreġistrati fost it-tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

3. Tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.3] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'titoli ta' dejn, li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' sena jew anqas (F.31), irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

4. Tranżazzjonijiet f'titoli ta' dejn fuq żmien [2B.4] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'titoli ta' dejn, li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena (F.32), irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13.

5. Tranżazzjonijiet f'self minn bank ċentrali [2B.5] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'self (F.4) irreġistrati fost tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv ta' S.121.

6. Tranżazzjonijiet f'self ieħor [2B.6] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'self (F.4) irreġistrati f'tibdiliet fil-passiv u l-valur nett ta' S.13 u tibdiliet fl-attiv tas-setturi ħlief S.121.

7. Tranżazzjonijiet konsolidattivi [2B.7] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi fi strumenti tad-dejn [2B.1], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi fi strumenti tad-dejn [2A.24].

8. Tranżazzjonijiet konsolidattivi — munita u depożiti [2B.8] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi f'munita u depożiti [2B.2], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi f'munita u depożiti [2A.16].

9. Tranżazzjonijiet konsolidattivi — titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.9] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2B.3], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [2A.17].

10. Tranżazzjonijiet konsolidattivi — titoli fuq żmien twil [2B.10] huma ugwali għal tranżazzjonijiet mhux konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2B.4], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien twil [2A.18].

11. Tranżazzjonijiet konsolidattivi — self [2B.11] huma l-istess bħal tranżazzjonijiet mhux konsolidati f'self ieħor [2B.6], bit-tnaqqis ta' tranżazzjonijiet konsolidati f'self [2A.19] flimkien ma' tranżazzjonijiet konsolidati f'self li parti minnhom huwa self minn bank ċentrali [2A.20].

*Tabella 3A*

1. Id-dejn tal-gvern (konsolidat) [3A.1] huwa ugwali għad-dejn kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 479/2009. Huwa wkoll ugwali għall-passiv konsolidat ta' S.13 fil-munita tal-istrument u d-depożiti [3A.2], flimkien ma' titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3A.3], flimkien ma' titoli ta' dejn fuq żmien twil [3A.4], flimkien ma' self mill-bank ċentrali [3A.5], flimkien ma' self ieħor [3A.6].

2. Id-dejn — munita u depożiti [3A.2] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fil-munita u d-depożiti tal-istrument (AF.2).

3. Id-dejn — titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3A.3] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fit-titoli ta' dejn ta' strumenti li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' sena jew anqas (AF.31).

4. Id-dejn — titoli ta' dejn fuq żmien twil [3A.4] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fit-titoli ta' dejn tal-istrument, li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena (AF.32).

5. Id-dejn — self mill-bank ċentrali [3A.5] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fis-self tal-istrument (AF.4) li huwa attiv ta' S.121.

6. Id-dejn — self ieħor [3A.6] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fis-self tal-istrument (AF.4) li mhuwiex attiv ta' S.121.

7. Id-dejn miżmum minn residenti tal-Istat Membru [3A.7] huwa ugwali għad-dejn miżmum minn bank ċentrali [3A.8], flimkien ma' dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra [3A.9], flimkien ma' dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra [3A.10], flimkien ma' dejn miżmum minn residenti oħra tal-Istat Membru [3A.11].

8. Id-dejn miżmum mill-bank ċentrali [3A.8] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li huwa attiv ta' S.121.

9. Id-dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra [3A.9] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li huwa attiv ta' S.122 jew S.123.

10. Id-dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra [3A.10] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li huwa attiv ta' S.124, S.125, S.126, S.127, S.128 jew S.129.

11. Id-dejn miżmum minn residenti oħra [3A.11] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li huwa attiv ta' S.11, S.14 jew S.15.

12. Id-dejn miżmum minn dawk li mhumiex residenti tal-Istat Membru [3A.12] huwa l-istess bħal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li huwa attiv ta' S.2.

13. Id-dejn denominat f'munita nazzjonali [3A.13] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] denominat fil-valuta legali tal-Istat Membru.

14. Id-dejn denominat f'muniti ta' Stati Membri taż-żona tal-euro [3A.14] huwa ugwali għal — qabel ma l-Istat Membru jsir Stat Membru taż-żona tal-euro — dik il-parti tad-dejn [3A.1] denominat fil-valuta legali ta' wieħed mill-Istati Membri taż-żona tal-euro (minbarra munita nazzjonali [3A.13]), flimkien ma' dejn denominat f'ecus jew euro.

15. Id-dejn denominat f'muniti oħra [3A.15] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] mhux inkluż f' [3A.13] jew [3A.14].

16. Id-dejn fuq żmien qasir [3A.16] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li l-maturità oriġinali tiegħu hija ta' sena u anqas.

17. Id-dejn fuq żmien twil [3A.17] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li l-maturitaà oriġinali tiegħu hija ta' aktar minn sena.

18. Id-dejn fuq żmien twil li r-rata varjabbli tal-imgħax tiegħu [3A.18] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn fuq żmien twil [3A.17] li r-rata tal-imgħax tiegħu hija varjabbli.

19. Id-dejn b'maturità residwa sa sena [3A.19] huwa l-istess bħal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità residwa ta' sena u anqas.

20. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin [3A.20] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin.

21. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin li r-rata varjabbli tal-imgħax tiegħu [3A.21] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin [3A.20] li r-rata tal-imgħax tiegħu hija varjabbli.

22. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin [3A.22] huwa ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin.

23. Id-dejn b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin li r-rata varjabbli tal-imgħax tiegħu [3A.23] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità residwa ta' aktar minn ħames snin [3A.22] li r-rata tal-imgħax tiegħu hija varjabbli.

24. Il-maturità residwa medja ta' dejn [3A.24] hija ugwali għall-maturità residwa medja ppeżata bl-ammonti dovuti, imfissra fi snin.

25. Id-dejn tal-gvern — bonds bla imgħax [3A.25] huma ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fil-forma ta' bonds bla imgħax, jiġifieri bonds mingħajr ħlasijiet perijodiċi, li l-imgħax tagħhom huwa bbażat fuq id-differenza bejn il-prezzijiet fiż-żmien tal-fidi u dak tal-ħruġ.

*Tabella 3B*

1. Id-dejn tal-gvern (mhux konsolidat bejn is-sottsetturi) [3B.1] huwa ugwali għall-passiv mhux konsolidat ta' S.13, eskluż (a) il-passiv ta' S.1311 li huwa simultanjament attiv ta' S.1311, (b) il-passiv ta' S.1312 li huwa simultanjament attiv ta' S.1312; (ċ) il-passiv ta' S.1313 li huwa simultanjament attiv ta' S.1313 u (d) l-passiv ta' S.1314 li huwa simultanjament attiv ta' S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn tal-gvern [3A.1].

2. L-elementi konsolidattivi [3B.2] huma ugwali għall-passiv ta' S.13 li huwa simultanjament attiv ta' S.13 esklużi (a) il-passiv ta' S.1311 li huwa simultanjament attiv ta' S.1311, (b) il-passiv ta' S.1312 li huwa simultanjament attiv ta' S.1312, (ċ) il-passiv ta' S.1313 li huwa simultanjament attiv ta' S.1313 u (d) l-passiv ta' S.1314 li huwa simultanjament attiv ta' S.1314, fil-munita tal-istrument u d-depożiti [3B.3], flimkien ma' titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3B.4], flimkien ma' titoli fuq żmien twil [3B.5], flimkien ma' self [3B.6].

3. L-elementi konsolidattivi f'munita u depożiti [3B.3] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fil-munita tal-istrument u d-depożiti (F.2).

4. L-elementi konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien qasir [3B.4] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fit-titoli ta' dejn tal-istrument li l-maturità oriġinali tiegħu hija ta' sena jew iżjed (F.31).

5. L-elementi konsolidattivi f'titoli ta' dejn fuq żmien twil qasir [3B.5] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fit-titoli ta' dejn tal-istrument, li l-maturità oriġinali tiegħu hija ta' aktar minn sena (F.32).

6. L-elementi konsolidattivi f'self [3B.6] huma ugwali għal dik il-parti tal-elementi konsolidattivi [3B.2] fis-self tal-istrument (F.4).

7. Id-dejn maħruġ mill-gvern ċentrali (konsolidat) [3B.7] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1311, li mhumiex attiv ta' S.1311, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

8. Id-dejn maħruġ mill-gvern ċentrali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.8] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1311 li huwa attiv ta' S.1312, S.1313 jew S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

9. Id-dejn maħruġ mill-gvern statali (konsolidat) [3B.9] huwa l-istess bħall-passiv ta' S.1312, li mhuwiex attiv ta' S.1312, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

10. Id-dejn maħruġ mill-gvern statali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.10] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1312 li huwa attiv ta' S.1311, S.1313 jew S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

11. Id-dejn maħruġ mill-gvern lokali (konsolidat) [3B.11] huwa l-istess bħall-passiv ta' S.1313, li mhuwiex attiv ta' S.1313, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

12. Id-dejn maħruġ mill-gvern lokali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.12] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1313 li huwa attiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

13. Id-dejn maħruġ mill-fondi tas-sigurtà soċjali (konsolidat) [3B.13] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1314, li mhuwiex attiv ta' S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

14. Id-dejn maħruġ minn fondi tas-sigurtà soċjali li parti minnu huwa miżmum minn sottosetturi oħra tal-gvern [3B.14] huwa ugwali għall-passiv ta' S.1314 li huwa attiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1313, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

15. Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji mill-gvern ċentrali ta' dejn maħruġa skont unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.15] huma ugwali għall-passiv ta' S.1312, S.1313 jew S.1314 li huma attiv ta' S.1311, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

16. Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji mill-gvern statali ta' dejn maħruġin skont unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.16] huma ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1313 jew S.1314 li huma attiv ta' S.1312, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

17. Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji mill-gvern lokali ta' dejn maħruġin skont unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.17] huma ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1314 li huma attiv ta' S.1313, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1].

18. Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji minn fondi tas-sigurtà soċjali ta' dejn maħruġa minn taqsimiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.18] huma ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1313 li huma attiv ta' S.1314, fl-istess strumenti bħad-dejn [3A.1]."

# RETTIFIKA

**Rettifka għar-Regolament (UE) Nru 469/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2157/1999 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4)**

***(BĊE/2014/18)***

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 141 tal-14 ta' Mejju 2014)*

F'paġna 51, it-test tar-Regolament huwa sostitwit b'dan li ġej:

**REGOLAMENT (UE) Nru 469/2014 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-16 ta' April 2014**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2157/1999 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4)**

***(BĊE/2014/18)***

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 132(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikoli 34.3 u 19.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) applika r-Regolament (KE) Nru 2157/1999 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/1999/4) [2] biex jimponi sanzjonijiet f' diversi oqsma tal-kompetenza tiegħu, inkluż b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni, l-operat tas-sistemi ta' ħlas u l-ġbir tal-informazzjoni statistika.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 [3] jintitola lill-BĊE biex jimponi penali finanzjarji amministrattivi fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huwa jissorvelja meta dawn l-istituzzjonijiet jiksru xi obbligu skont il-liġi tal-Unjoni li hija applikabbli direttament u sanzjonijiet f'każ ta' ksur ta' regolamenti jew deċiżjonijiet tal-BĊE.

(3) Il-BĊE adotta r-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17) [4] biex jispeċifika aktar il-proċeduri li jirregolaw l-eżerċizzju mill-BĊE, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mill-awtoritajiet nazzjonali ddenominati tal-kompiti superviżorji tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17) jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-proċedura għall-impożizzjoni tal-penali amministrattivi mill-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-qasam superviżorju.

(4) Sabiex jistabbilixxi reġim konsistenti għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u r-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), il-BĊE adotta r-Rakkomandazzjoni BĊE/2014/19 [5].

---

[1] ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4 (Edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolu 1 Volum 03 p. 139–144).
[2] Ir-Regolament (KE) Nru 2157/1999 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Settembru 1999 dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) (ĠU L 264, 12.10.1999, p. 21 — Edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolu 1 Volum 03 p. 139–144).
[3] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal- 15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew firrigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).
[4] Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali ddenominati (Ir-Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17). Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[5] Rakkomandazzjoni BĊE/2014/19 tas-16 ta' April 2014 għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2532/98 dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU C 144, 14.5.2014, p. 2).

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 2157/1999 għandu jiġi kjarifikat fis-sens li japplika biss għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompiti tal-bank ċentrali li mhumiex superviżorji, filwaqt li r-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17) japplika għall-impożizzjoni ta' penali amministrattivi mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji tiegħu.

(6) Meta jiġu speċifikati iktar ir-regoli proċedurali li japplikaw għall-bidu u t-twettiq tal-proċedura ta' infrazzjoni stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 2532/98, il-BĊE għandu jqis il-grad ta' gravità tas-sanzjoni stabbilita.

(7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 2157/1999 għandu jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Ir-Regolament (KE) Nru 2157/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1a ġdid huwa mdaħħal wara l-Artikolu 1:

"*Artikolu 1a*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika biss għas-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompiti tal-bank ċentrali li mhumiex superviżorji. M'għandux japplika għal kwalunkwe sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-BĊE fl-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji tiegħu.";

(2) Artikolu 1b ġdid huwa mdaħħal wara l-Artikolu 1a:

"*Artikolu 1b*

**Unità investigattiva indipendenti**

1. Għall-finijiet ta' deċiżjoni dwar jekk jibdiex proċedura ta' infrazzjoni skont l-Artikolu 2 u jeżerċita s-setgħat imniżżla fl-Artikolu 3, il-BĊE għandujistabbilixxi unità investigattiva indipendenti interna (minn hawn 'il quddiem 'unità investigattiva') komposta minn uffiċjali investigattivi li għandhom iwettqu l-funzjonijiet investigattivi tagħhom indipendentement mill-Bord Eżekuttiv u l-Kunsill Governattiv, u m'għandhomx jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-Bord Eżekuttiv u tal-Kunsill Governattiv.

2. Fejn il-BĊE iqis illi hemm raġuni għal suspett li wieħed jew iktar mill-infrazzjoni qegħdin jitwettqu jew ġew imwettqa, il- kwistjoni trid tiġi riferita lill-Bord Eżekuttiv.

3. Fejn il-Bord Eżekuttiv iqis illi s-sanzjoni applikabbli tista' taqbeż il-limitu stipulat fl-Artikolu 10(1), il-proċedura ssimplifikata stabbilita fl-Artikolu 10 m'għandhiex tapplika u l-Bord Eżekuttiv għandu jirreferi l-kwistjoni lill-unità investigattiva. L-unità investigattiva għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk tibdiex proċedura ta' infrazzjoni jew le.

4. Kull referenza għall-BĊE fl-Artikoli 2 sa 4, l-Artikolu 5(1) sa (3) u l-Artikolu 6 għandu jinqara bħala referenza għall-unità investigattiva tal-BĊE jew, fejn tapplika l-proċedura ssimplifikata skont l-Artikolu 10, lill-Bord Eżekuttiv.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-bank ċentrali nazzjonali kompetenti biex jibda proċedura ta' infrazzjoniu jagħmel investigazzjoni skont dan ir-Regolament.";

(3) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Ma għandhiex tinbeda iktar minn proċedura waħda ta' infrazzjoni kontra l-istess impriża bbażata fuq l-istess fatti. Għal dan il-għan, ma għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni tittieħed mill-BĊE jew mill-bank ċentrali nazzjonali kompetenti dwar jekk tinbediex jew le proċedura ta' infrazzjoni, sakemm ikunu infurmaw u kkonsultaw wieħed ma' xulxin.";

(4) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'li ġej:

"3. Il- BĊE jew il-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, skont il-każ, għandhom, fuq talba, ikunu ntitolati biex jassistu u jikkoperaw ma' xulxin fit-twettiq tal-proċedura ta' infrazzjoni, partikolarment billi jittrasmettu kull tagħrif li jitqies rilevanti.";

(5) Artikolu 7a ġdid huwa mdaħħal wara l-Artikolu 7:

"*Artikolu 7a*

**Sottomissjoni ta' proposta lill-Bord Eżekuttiv**

1. Jekk l-unità investigattiva jew il-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, iqisu, wara t-tmiem tal-proċedura ta' infrazzjoni, li għandha tiġi imposta sanzjoni fuq l-intrapriża kkonċernata, huma għandhom jippreżentaw proposta lill-Bord Eżekuttiv li tiddetermina li l-intrapriża kkonċernata kkommettiet infrazzjoni u li tispeċifika l-ammont tas-sanzjoni li għandha tiġi imposta.

2. L-unità investigattiva jew il-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, għandhom jibbażaw il-proposta tagħhom biss fuq fatti u oġġezzjonijiet li fuqhom l-intrapriża kkonċernata kellha l-opportunità li tikkummenta.

3. Jekk il-Bord Eżekuttiv iqis li l-fajl sottomess mill-unità investigattiva jew mill-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, mhuwiex komplut, jista' jirritorna l-fajl, flimkien ma' talba rraġunata għal informazzjoni addizzjonali, lill-unità investigattiva jew lill-bank ċentrali nazzjonali kompetenti.

4. Jekk il-Bord Eżekuttiv, fuq il-bażi ta' fajl komplut, jaqbel mal-proposta tal-unità investigattiva jew tal-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, li jimponi sanzjoni fuq l-intrapriża kkonċernata, huwa għandu jadotta deċiżjoni skont il-proposta ppreżentata mill-unità investigattiva jew mill-bank ċentrali nazzjonali kompetenti.

5. Jekk il-Bord Eżekuttiv, fuq il-bażi ta' fajl komplut, iqis li l-fatti deskritti fil-proposta tal-unità investigattiva jew tal-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, ma jidhrux li jikkostitwixxu evidenza suffiċjenti ta' ksur, il-Bord Eżekuttiv jista' jadotta deċiżjoni biex jagħlaq il-każ.

6. Jekk il-Bord Eżekuttiv, fuq il-bażi tal-fajl komplut, jaqbel li l-intrapriża kkonċernata wettqet infrazzjoni, kif iddeterminat fil-proposta tal-unità investigattiva jew tal-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, infrazzjoniiżda ma taqbilx mas-sanzjoni proposta, huwa għandu jadotta deċiżjoni li tispeċifika s-sanzjoni li jikkunsidra bħala xierqa.

7. Jekk il-Bord Eżekuttiv, fuq il-bażi ta' fajl komplut, ma jaqbilx mal-proposta tal-unità investigattiva jew tal-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, iżda jikkonkludi li twettqer infrazzjoni differenti minn dik imwettqa mill-intrapriża kkonċernata, jew li hemm bażi fattwali differenti għall-proposta tal-unità investigattiva jew tal-bank ċentrali nazzjonali kompetenti, kif applikabbli, huwa għandu jinforma lill-intrapriża kkonċernata bil-miktub dwar il-konklużjonijiet tiegħu u l-oġġezzjonijiet mqajma kontra l-intrapriża kkonċernata.

8. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta deċiżjoni li tiddetermina jekk l-intrapriża kkonċernata kkommettietx infrazzjoni jew le u tispeċifika, jekk ikun hemm, is-sanzjoni li trid tiġi imposta. Deċiżjonijiet adottati mill-Bord Eżekuttiv għandhom ikunu bbażati biss fuq fatti u oġġezzjonijiet li l-intrapriża kellha l-opportunità li tikkummenta dwarhom.".

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-16 ta' April 2014.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT